# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2019

## It-Tieni Sessjoni

**Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

**Ħares lejn il-powster u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Festa Ħelu Malti

## nhar l-Imnarja

Attività tal-Kunsill Lokali







### Te u Kafè

... u xorb ieħor

Mid-9 ta' filgħaxija 'l quddiem

Prezz: 10 ewro ... Kul kemm trid!

Quddiem il-Kappella ta' Ħal Millieri



### Pasti u Kejkijiet

Bħal pudina, imqaret, qubbajt, kannoli, qagħaq tal-għasel, kejk bil-frott, u torta tal-lewż ...

u ġelat tal-konfettura bil-ħalib tal-bott

**Taħriġ A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħt ir-risposta t-tajba.**

L-ewwel waħda hija eżempju. (2 marki)

1. Festa Ħelu se ssir (fl-Imnarja, fil-Milied, fl-Għid il-Kbir).
2. Din se tiġi organizzata quddiem (il-Kunsill Lokali, il-knisja tar-raħal, il-Kappella ta' Ħal Millieri).
3. F'din l-attività mhux se jkun hemm bankarelli (tax-xorb u ħelu, tal-pjanti, tal-prodotti Maltin).

**Taħriġ B: Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS).** (5 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

| | V | F | MS |
|---|---|---|---|
| 1. L-attività se ssir nhar l-Imnarja. | ✓ | | |
| 2. Din l-attività ma tibdiex fit-tmienja ta' filgħaxija. | | | |
| 3. Ma' kull għaxar ewro tingħata biljett tal-lotterija. | | | |
| 4. Min jattendi għal Festa Ħelu jista' jixrob te u kafè biss. | | | |
| 5. Se jkun hemm wirja tal-annimali. | | | |
| 6. L-attività tispiċċa fil-ħdax. | | | |

**Taħriġ Ċ: Imla l-vojt skont is-sens tas-sentenza.** (2 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

1. Festa Ħelu Malti hija attività marbuta mal-festa tal-Imnarja.
2. Il-_______________________________ se jorganizza Festa Ħelu.
3. Matul din l-attività, wieħed jista' jiffriska ruħu billi jiekol il-______________.

**Taħriġ D:** Semmi effett tajjeb **jew** ħażin li tista' ġġib din l-attività. (marka)

_______________________________________________________________

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

### L-Ewwel Parti

Il-bagalja kienet lesta ppakkjata, il-kamera tar-ritratti mdendla m'għonqi u l-malja u ż-żarbun tal-mixi fil-basket wara dahri. Kont qiegħed l-ajruport sejjer għall-ewwel safra tiegħi. **Ma stajtx naqla' għajnejja** minn fuq il-passaport miftuħ. Ir-ritratt tiegħi jħares serju lejja kien donnu qed jikkonfermali li jien, Andrè Caruana kont se naqta' xewqti u nżur il-Greċja. Miegħi u mal-ġenituri tiegħi kienu ġejjin Sara, Paul u l-ġenituri tagħhom.

Meta wasalna l-Greċja, dak li kellmitna dwaru kemm-il darba l-għalliema, stajna narawh b'għajnejna u mmissuh b'idejna. Rajna l-Akropoli t'Ateni bil-kolonni kbar u maestużi, il-gżejjer bil-bini abjad u l-bibien blu kulur il-baħar li jdawwarhom, u fuq kollox, il-muntanja Olympus u l-foresti ta' madwarha.

Imma esperjenza li jien u sħabi ma ninsew qatt kienet meta żorna raħal ċkejken tipikament Grieg. Fiċ-ċentru ta' dan ir-raħal kien hemm il-knisja u madwarha djar ċkejknin u antiki. Is-soqfa kollha f'dan ir-raħal pittoresk kienu magħmulin minn ċaqquf ħamrani.



"Ara x'hemm hemm fuq!" għajjat mistagħġeb Paul.

"Anki hemm!" ippuntat subgħajha Sarah.

"Fuq il-knisja wkoll," komplejt jien.

F'dan ir-raħal ma kinux joqogħdu biss l-abitanti tal-post. Kienu joqogħdu wkoll għadd ta' familji taċ-ċikonji, għasafar bojod bl-iswed magħrufa għall-munqar oranġjo tagħhom. Fuq is-soqfa ħamranin kien hemm bejtiet kbar li qatt ma rajna bħalhom. Fihom kien hemm iċ-ċikonji jieħdu ħsieb il-frieħ tagħhom. In-nies tal-post għamlulhom ukoll arbli apposta sabiex iktar familji taċ-ċikonji jbejtu fir-raħal tagħhom.

"Xi ġmiel! Qatt ma rajt għasafar daqshekk kbar mill-viċin," qal Paul.

"Kemm jieħdu ħsiebhom lill-frieħ tagħhom! Mhux ta' b'xejn kultant narawhom f'xi stampa jġorru xi tarbija mdendla ma' munqarhom ġo maktur!" qalet Sara.

Ma xtaqniex nitilqu minn dan il-post u jien għadni lanqas naf kemm-il ritratt ħadt ta' dawn il-kreaturi meraviljużi. Ridt nieħu kemm jista' jkun tifkiriet ta' dawn l-għasafar lura miegħi lejn Malta.

**Taħriġ A: Aħdem dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.

   Fil-basket ta' wara dahru, Andrè kellu
   a) l-passaport.
   b) l-kamera tar-ritratti.
   ċ) ż-żarbun tal-mixi.

2. Semmi **ħaġa waħda** li taħseb li se jagħmel Andrè waqt il-vaganza.

   ______________________________

3. Semmi **tliet** affarijiet li Andrè u sħabu raw meta kienu l-Greċja.

   ______________________________

4. X'kien hemm speċjali f'dan ir-raħal Grieg li żaru?

   ______________________________

5. X'għamel Andrè biex jibqa' jiftakar fiċ-ċikonji?

   ______________________________

6. Fisser l-espressjoni '**Ma stajtx naqla' għajnejja**'.

   ______________________________

7. 'Is-soqfa kollha f'dan ir-**raħal**...'
   Agħti l-plural ta' **raħal**. ______________

8. '...**nieħu** kemm jista' jkun tifkiriet...'
   Agħti n-negattiv ta' **nieħu**. ______________

## Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

### It-Tieni Parti

Mal-wasla tagħna lura lejn Malta, missieri mar jixtri l-gazzetta. Dak li rajna fuq il-faċċata tal-gazzetta ħalliena miblugħa.

"21 ċikonja jqattgħu l-lejl fil-gżejjer Maltin," kien jgħid it-titlu tal-artiklu. Ir-ritratt kien juri krejn kbir f'sit ta' kostruzzjoni li fuqu kien hemm iċ-ċikonji reqdin.

"Dak kif ġew Malta?" staqsa Paul.

"Dawk mhux soltu jiġu Malta għax ma jħobbux ipassu fuq il-baħar. Bilfors li ġralhom xi ħaġa u ntilfu," qal missier Paul u Sara, li fl-għasafar kien jifhem mhux ħażin.

"Jekk isibu fejn jorqdu u jieklu jaf jibqgħu hawn, imma x'aktarx ikomplu bil-vjaġġ tagħhom," kompla jispjega.

L-għada li wasalna Malta, iċ-ċikonji telqu minn fuq il-krejn, imma filgħaxija smajna li reġgħu ġew biex jorqdu fuq l-istess krejn. Missieri ħa lili u lil sħabi biex narawhom. Kemm kienu sbieħ! Imma kien hemm wieħed nieqes! Xi voluntiera mill-għaqda ambjentali *Birdlife* kienu qed isegwuhom. Magħhom ingħaqdu wkoll xi kaċċaturi li ma xtaqux li dawn l-għasafar protetti jiġrilhom xi ħaġa. L-għasafar kienu għamlu vjaġġ twil u x'aktarx ma kinux qed isibu x'jieklu. Il-voluntiera qalulna li ċ-ċikonja nieqsa kienet ġiet maqtula. X'aktarx kienet waħda mill-adulti u peress li ċ-ċikonji jivvjaġġaw bħala familja, fejn iż-żgħar **isegwu lill-kbar**, se jsibuha diffiċli li jkomplu bil-vjaġġ tagħhom.

Fil-fatt hekk ġara. Iċ-ċikonji baqgħu f'Malta għal madwar ġimgħa. Mal-ġurnata kienu jtiru madwar il-gżejjer imma ta' kull filgħaxija jiġu lura jorqdu fuq il-krejn b'iktar membri tal-familja nieqsa.

Il-pulizija arrestat xi nies li qatlu lil dawn iċ-ċikonji u aħna tnikkitna għal dawn il-kreaturi. Bqajna ngħożżu t-tifkiriet tar-ritratti li ħadna l-Greċja u noħolmu li xi darba naraw il-bejtiet taċ-ċikonji fl-irħula tagħna.

**Taħriġ B: Wieġeb dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Għaliex taħseb li l-protagonisti ta' din l-istorja baqgħu mistagħġba b'dak li raw fuq il-gazzetta?

_______________________________________________

2. Għaliex missier Paul u Sara ħaseb li ċ-ċikonji li ġew f'Malta kienu mitlufa?

_______________________________________________

3. Semmi **żewġ** affarijiet li kellhom bżonn iċ-ċikonji biex jibqgħu f'Malta.

_______________________________________________

4. Għaliex iċ-ċikonji baqgħu f'Malta u ma komplewx bil-vjaġġ tagħhom?

_______________________________________________

5. Agħti t-tifsira ta' '**isegwu lill-kbar**'.

_______________________________________________

6. X'ħolma għandhom il-protagonisti ta' din is-silta?

_______________________________________________

7. '**21** ċikonja jqattgħu l-lejl fil-gżejjer Maltin'

   Ikteb in-numru **21** fi kliem. _______________________

8. 'Missieri ħa lili u lil **sħabi** biex narawhom.'

   Agħti kelma sinonima li tfisser **sħabi**. _______________________

**Taħriġ Ċ: Aħdem dawn fuq is-silta kollha.** (4 marki)

1. Skont dak li qrajt fis-silta, **semmi żewġ affarijiet** li sirt taf dwar iċ-ċikonji.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. X'effett ħalliet l-esperjenza fil-Ġreċja fuq it-tfal protagonisti ta' din l-istorja?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Tmiem il-karta**